

Appell imressaq fid-29 ta' Marzu 2007 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kontra s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2007 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-kawża F-92/05, Genette vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-99/07 P)

(2007/C 117/52)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Joris u D. Martin, aġenti)

Il-partijiet l-oħra fil-kawża: Emmanuel Genette, Ir-Renju tal-Belġju

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-16 ta' Jannar 2007 fil-kawża F-92/05;
- tiddikjara r-rikors inammissibbli;
- sussidjarjament, tiddikjara dan ir-rikors infondat;
- tiddeċiedi li kull waħda mill-partijiet għandha tbat i-ispejjeż tagħha relattivi għal din l-istanza u għal dik imressqa quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tas-sentenza tas-16 ta' Jannar 2007, mogħtija fil-kawża F-92/05, Genette vs Il-Kummissjoni, it-Tribunal għas-Servizz

Pubbliku (TSP) laqa' r-rikors imressaq mis-Sur Genette li kellu bħala għan l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Jannar 2005 li tirrifjuta, minn naħa, li tawtorizzah jirtira t-talba mressqa fl-2001 sabiex jiġu ttrasferiti d-drittijiet għall-pensjoni li huwa kiseb fl-iskemi ta' pensjoni Belġjani, u, min-naħa l-oħra, li tawtorizzah jitlob trasferiment ġdid tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni.

Fir-rikors ta' l-appell tagħha, il-Kummissjoni tinvoka l-ewwel nett il-kwistjoni ta' l-ammissibbiltà tar-rikors inizjali. Hija ssostni li t-Tribunal iddeċieda *ultra petita*, billi biddel is-suġġett tal-kawża u billi wettaq żbalji ta' evalwazzjoni fl-eżami ta' l-allegati fatti ġodda invokati mir-rikorrent fl-ewwel istanza sabiex jiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tat-termini favur tiegħu. Il-Kummissjoni ssostni li l-evalwazzjoni korretta kemm tas-suġġett tal-kawża kif iddefinit fir-rikors fl-ewwel istanza kif ukoll ta' l-allegati fatti ġodda invokati mir-rikorrent, kienet neċessarjament twassal lit-TSP sabiex jiddikjara r-rikors inammissibbli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tallega li t-TSP qabeż il-limiti tal-kompetenza tiegħu u saħansitra kiser id-drittijiet tad-difiża tagħha, billi ddeċieda ċerti kwistjonijiet mingħajr ma ppermetta lill-Kummissjoni tressaq l-argumenti favur tagħha.

In sostenn ta' l-appell tagħha fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tal-kawża fil-mertu li wettaq it-TSP fis-sentenza appellata, il-Kummissjoni tinvoka diversi motivi bbażati fuq il-ksur mit-TSP ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-prinċipji ġurisprudenzjali, billi, skond il-Kummissjoni, is-sentenza appellata tippermetti li atti ġuridiċi jiġu rtirati u, sussidjarjament, tikser id-dritt awtonomu tal-Kummissjoni li ma tirtirax id-deċiżjonijiet ikkontestati.